MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CAROL PERALTA

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2015

Numru. 339/2015

**PULIZIJA**
**SPETTUR JASON FRANCIS SULTANA**

**VS**

**BARBU COSTICA**

Kumpilazzjoni Nru.: 339/2015

Illum, 26 ta` Marzu, 2015.

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Barbu Costica, detentur tal-Karta tal-Identita` Rumena bin-numru GL843974.

**Akkuzat talli:**

Nhar it-tlettax (13) ta` Marzu 2015 ghal habta tas-sitta u nofs (18:30hrs) ikkommetta serq ta` diversi oggetti minn gewwa l-hanut **Diesel**, Pjazza Sant' Anna, Sliema, liema serq huwa aggravat bil-valur li jiswa iktar minn mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgha u disgha centezmu (€232.94) izda ma jaqbizx elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-detriment ta` Silvan Cassar u/jew persuni ohra.

Ukoll talli matul ix-xahar ta` Marzu, 2015, xjentement f'Malta laqa ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, li l-valur taghhom ma jeccedix l-elfejn u tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) mehudin b'qerq, jew akkwistati b'reat, jew xjentement b'kull mod li jkun, indahlu biex ibieghu jew imexxu dawn l-oggetti.

**Il-Qorti:**

Wara li rat il-provi kollha prodotti u ezaminat id-dokumenti esibiti;

Wara li hadet in konsiderazzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Wara li semghet ix-xhieda mressqa;

Wara li hadet in konsiderazzjoni l-hlas lura tar-riportiva;

Wara li hadet in konsiderazzjoni l-valur zghir tal-akkadut kif ukoll il-koperazzjoni tal-imputat mal-Pulizija;

Wara li rat l-Artikoli 261 (c), 267, 279 u 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

**Ikkunsidrat:**

Wara li rat l-ammissjoni odjerna tal-imputat ghall-imputazzjonijiet lilu addebitati, tiddeciedi billi tiddikjara li l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-imputat ghall-imputazzjonijiet lilu addebitati ma thalli ebda alternattiva ohra lil din il-Qorti hlief illi ssib lill-imputat hati kif akkuzat.

Ghaldaqstant dina l-Qorti qiedgha tikkundanna lill-istess imputat sena (1) prigunerija sospiza ghal sentejn (2) mil-llum ai terminu tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------